

Brussell, 5 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15426/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0321 (NLE)

AELE 93
EEE 63
N 64
ISL 56
FL 45
ECO 75
INST 455
MI 929

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Diċembru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 726 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fl-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 726 final.

Mehmuż: COM(2017) 726 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.12.2017
COM(2017) 726 final

2017/0321 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fl-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jemenda l-Anness XX (L-Ambjent) għall-Ftehim taż-ŻEE sabiex jinkorpora d-Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi¹.

- Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt anness jestendi l-politika diġà eżistenti tal-UE għall-Istati taż-ŻEE-EFTA (in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein).

- Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

L-estensjoni tal-acquis tal-UE għall-Istati taż-ŻEE-EFTA, permezz tal-inkorporazzjoni tagħhom fil-Ftehim ŻEE titwettaq f'konformità mal-oġettivi u l-prinċipji ta' dak il-Ftehim li jimmiraw lejn l-istabbiliment ta' Żona Ekonomika Ewropea dinamika u omoġenja, ibbażata fuq regoli komuni u kondizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- Bażi ġuridika

Il-leġislazzjoni li għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE hija bbażata fuq l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94² dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni dwar Deċiżjonijiet bħal dawn, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Is-SEAE tissottometti, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Is-SEAE tittama li tkun fil-qagħda li tippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE kemm jista' jkun malajr.

- Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà għar-raġuni li ġejja.

L-oġettiv ta' din il-proposta, jiġifieri li tiġi żgurata l-omoġeneità tas-Suq Intern ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-effetti, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni.

Il-proċess ta' inkorporazzjoni tal-acquis tal-UE fil-Ftehim ŻEE jitwettaq f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea li jikkonferma l-approċċ li ttieħed.

- Proporzjonalità

B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tagħha.

- L-għażla tal-istrument

¹ ĠU L 132, 21.5.2016, p. 58.

² ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6–8

F'konformità mal-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, l-istrument magħżul huwa d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jiżgura l-implimentazzjoni u l-operat effettivi tal-Ftehim ŻEE. Għal dan l-għan, għandu jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti fil-Ftehim ŻEE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- Ġbir u użu ta' għarfien espert

Mhux applikabbli

- Valutazzjoni tal-impatt

Mhux applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Ma hemm l-ebda implikazzjonijiet baġitarji mistennija b'riżultat tal-inkorporazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/802 fil-Ftehim taż-ŻEE.

5. ELEMENTI OĦRA

L-adattamenti ewlenin mitluba min-naħa tal-EFTA

Dispożizzjoni rilevanti

Artikolu 2(n)

Ġustifikazzjoni

L-Iżlanda kienet ikklassifikata bħala reġjun ultraperiferiku skont id-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE³ fuq l-inkorporazzjoni tagħha fil-Ftehim taż-ŻEE (ara, id-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 90/2001⁴ u Nru 49/2006⁵). Filwaqt li d-Direttiva (UE) 2016/802 tissostitwixxi d-Direttiva 1999/32/KE iżda żżomm l-eżenzjonijiet għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, l-adattament rigward l-istatus tal-Iżlanda għandu jiġi riportat ukoll skont id-Direttiva l-ġdida. Għaldaqstant, adattament jipprovdi li l-Iżlanda hija inkluża fid-definizzjoni ta' "territorju ultraperiferiku" għall-finijiet tad-Direttiva (UE) 2016/802.

³ ĠU L 121, 11.5.1999, p. 13.

⁴ ĠU L 251, 20.9.2001, p. 15.

⁵ ĠU L 175, 29.6.2006, p. 99.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fl-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea⁶, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea⁷ ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li, fost l-oħrajn, jemenda l-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Jeħtieġ li d-Direttiva (UE) Nru 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness XX (L-Ambjent) għall-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

⁶ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

⁷ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

⁸ Id-Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 58.)

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President